**DAQQA TA' HARTA!**

Ma ssirx tabib mil-lum ghal ghada.
Aktar u aktar ma ssirx specjalista ddedikat malajr.
It-tragedja ta' l-ispecjalista Victor Calvagna hija daqqa ta' harta lill-professjoni medika.
Daqqa ta' harta lit-tfal morda bil-cancer.
Daqqa ta' harta lil tant genituri.
Daqqa ta' harta lill-filantropija.
Daqqa ta' harta lill- volontarjat.
Daqqa ta' harta lis-socjeta' Maltija ….. lil Pajjizna.

Dr Calvagna mhux sempliciment persuna fil-professjoni medika li jghin bil-hiliet tieghu u bil-kapacita' tal-medicina izda huwa professjonist tal-qalb. Jhaddan il-valur tal-generozita' u l-imhabba lejn ghajru. Il-volontarjat ghamlu parti integrali minn hajtu b'risq tfal morda bil-kancer.

Puttinu Cares twieled propju minn din l-imhabba bla qies li Dr Calvagna ghandu.
Il-vizjoni tieghu flimkien max-xoghol li jwettaq ma' ohrajn, jaghtu wens u konfort lil mijiet kbar ta' tfal, genituri u familji.

Ghalih huwa importanti, li mhux biss li tinghata l-aqwa kura u l-ahjar ambjent possibli f'Rainbow Ward, izda li t-tfal u l-genituri jibqghu jinghataw l-appogg mehtieg anke barra minn xtutna.

Victor Calvagna huwa vizjonarju.

Kif qaluli l-istess genituri li zort kemm il-darba gewwa l-appartamenti ta' Puttinu Cares gewwa Sutton fl-Ingilterra,

l-appogg permezz ta’ akkommodazzjoni attrezzata u l-ambjent ta’ kommunita’ zghira Maltija, huma ta’ serhan ta’ mohh bla qies.

Fl-appartamenti ta’ Sutton kien hemm min kellu jghix xhur kbar u snin, jistenna sakemm ilesti l-process tal-kura shiha. F’dan il-kuntest aktar u aktar johrog il-kobor tal-vizjoni u l-hidma bla waqfien ta’ Victor Calvagna.

Victor Calvagna huwa maghruf sew f’Marsdon Hospital gewwa l-Ingilterra. Il-Professjonisti u l-Ispecjalisti li jiehdu hsieb lit-tfal u Maltin ohra, semmewh diversi drabi mieghi. Konvinta li anke ghal dawn in-nies it-tragedja tieghu hija daqqa ta’ harta.

L-esperjenza personali tieghi, fl-inkontri li kelli ma’ Dr Calvagna dejjem jimpressjonani bl-energija, bl-entuzjazmu u bid-determinazzjoni tieghu biex ikompli jaghti appogg shih lit-tfal u l-genituri. Tant li llum Puttinu Cares dahal ghal progett kbir iehor, dak li jipprovdi akkommodazzjoni qrib l-isptarijiet fil-qalba ta’ Londra fuq l-istess mudell ta’ l-appartamenti f’Sutton.

It-tragedja ta’ Victor Calvagna hija kbira wisq ghalina. Hidmietu tibqa’ dejjem twennisna! Hidmietu ma tista’ tintesa qatt, kemm ghal hila tieghu bhala tabib u bhala specjalista tat-tfal bil-kancer, izda wkoll ghal vizjoni tieghu u ghal hidma filantropika u voluntarja tieghu.

Konvinta li din il-qalb tajba jurieha ma’ martu u ma’ uliedu. Konvinta li din it-tragedja ghal familja tieghu hija kbira wisq.

Izda rrid nghidilhom li mhux biss biex f'dawn ic-cirkostanzi difficilissimi jaghmlu kuragg, u li ahna bhala Poplu ninsabu maghhom, izda fuq kollox, ghandhom biex ikunu kburin b'dak kollu li qed jinkiseb b'hidmet Dr Calvagna.

It-tragedja ta' Victor Calvagna hasditna lkoll. Izda jigri x'jigri, l-impatt pozittiv tieghu fuq is-socjeta' Maltija huwa legat li jkompli jitgawda minn generazzjonijiet shah.